# Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Giudice di pace di Bologna (l-Italja) fl-14 ta' Marzu 2023 – Governo Italiano vs UX

**(Kawża C-163/23, Palognali [1])**

(2023/C 189/28)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

## Qorti tar-rinviju

Giudice di pace di Bologna

## Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Governo Italiano

*Konvenut:* UX

## Domandi preliminari

1) Il-ġurisprudenza tal-qrati supremi tal-ġustizzja ordinarja u amministrattiva ċċitata fil-motivi ta' din id-deċiżjoni tar-rinviju, u b'mod partikolari d-digriet Nru 13973/2022 tat-3 ta' Mejju 2022 tas-Suprema Corte di Cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni), li tiċħad kull dritt tal-maġistrat onorarju għal żmien determinat, bħall-Giudice di Pace kkonċernata fil-kawża prinċipali, marbut mal-istatus ta' ħaddiem impjegat, b'kundizzjonijiet tax-xogħol komparabbli ma' dawk tal-maġistrati professjonali għal żmien indeterminat, tikkostitwixxi ksur serju tad-dritt tal-Unjoni billi timpedixxi l-eżerċizzju ta' rikors effettiv għall-protezzjoni ġudizzjarja ta' dan id-dritt quddiem qorti nazzjonali indipendenti, jekk u sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-imsemmija ġurisprudenza tal-qorti ordinarja tal-aħħar istanza kisret l-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol [2] […], il-klawżoli 2 u 4 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP fit-18 ta' Marzu 1999, li huwa anness mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 [3] […], kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Lulju 2020, Governo della Repubblica italiana (Status tal-Giudici di Pace Taljani), C-658/18, EU:C:2020:572 (iktar 'il quddiem is-"sentenza UX"), u fis-sentenza tas-7 ta' April 2022, Ministero della Giustizia *et* (Status tal-Giudici di Pace Taljani) (C-236/20, EU:C:2022:263) (iktar 'il quddiem is-"sentenza PG"), kif ukoll l-ewwel u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta?

2) L-Artikolu 31(2) tal-Karta, l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE, il-klawżoli 2 u 4 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss implimentat mid-Direttiva 1999/70/KE, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi UX u PG, kif ukoll l-ewwel u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 29(5) tad-[Digriet Leġiżlattiv] Nru 116/2017, introdott bl-Artikolu 29(629) tal-[Liġi Nru] 234/2021, fil-parti li fiha din id-dispożizzjoni tad-dritt intern tipprevedi r-rinunzja awtomatika *ex lege* għal kull pretensjoni li tirriżulta mid-dritt tal-Unjoni, u, fil-kawża prinċipali, ir-rinunzja tad-dritt għal vaganzi mħallsa tal-giudice di pace rikorrenti, fil-każ li din titlob li tipparteċipa u tipparteċipa b'suċċess fil-proċedura ta' kompetizzjoni sabiex tiġi stabblita f'kariga fir-rwol sa meta jiġi eżawrit sakemm tintlaħaq l-eta ta' 70 sena, b'relazzjoni ta' impjieg mal-Ministeru għall-Ġustizzja bil-kundizzjonijiet tas-salarju tal-uffiċjal amministrattiv b'funzjonijiet ġudizzjarji?

3) L-għażla li din il-qorti tar-rinviju għandha l-ħsieb tagħmel hija koerenti mal-indikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fis-sentenzi UX u PG, ladarba jsiru l-verifiki kollha fdati lill-qorti nazzjonali mill-imsemmija ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, dwar il-komparabbiltà tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-giudice di pace rikorrenti u dawk tal-maġistrat ordinarju għal żmien indeterminat ekwivalenti fir-rigward tad-dritt tar-rikorrenti għal kumpens għad-danni kkawżati min-nuqqas ta' ħlas tal-perijodu tal-vaganzi, għażla li tikkonsisti fl-applikazzjoni bħala kriterju għall-kalkolu tal-kumpens għad-danni dovuti r-remunerazzjoni prevista għall-imħallef ordinarju tal-qorti bi kwalifika HH03, b'rispett tad-diversità tal-proċeduri ta' reklutaġġ bejn maġistrat onorarju u imħallef professjonali għal żmien indeterminat, filwaqt li jiġi rriżervat biss għal dan tal-aħħar (il-maġistrat ordinarju) id-dritt ta' progressjoni ekonomika u professjonali għal kwalifiki ogħla u mhux biss għat-tul tas-servizz għall-klassijiet u l-gradi tas-salarju?

4) Fl-aħħar, l-Artikolu 47 tal-Karta u l-kundizzjonijiet ta’ indipendenza tal-imħallef indikati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 45 sa 49 tas-sentenza UX jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħall-Artikolu 21 tad-[Digriet Leġiżlattiv] Nru 116/2017, li jipprevedi l-possibbiltà tal-applikazzjoni tal-miżura tar-revoka tal-kariga ġudizzjarja ta’ dan l-imħallef tar-rinviju preliminari, fid-diskrezzjoni totali tal-Kunsill Superjuri tal-Ġudikatura, mingħajr ebda gradazzjoni tas-sanzjonijiet dixxiplinarji, anki fil-każ li fih dan l-imħallef nazzjonali għandu l-intenzjoni li japplika l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-proċedura fil-kawża prinċipali u b’hekk ikun jinsab f’kuntrast mal-leġiżlazzjoni interna applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali u mal-ġurisprudenza ċċitata iktar ’il fuq tal-qrati supremi tal-ġustizzja ordinarja u amministrattiva?

(1) L-isem ta’ din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta’ ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381.
(3) Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta’ Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Szegedi Törvényszék (l-Ungerija) fis-16 ta’ Marzu 2023 – VOLÁNBUSZ Zrt. vs Bács Kiskun Vármegyei Kormányhivatal

**(Kawża C-164/23, VOLÁNBUSZ)**

(2023/C 189/29)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

### Qorti tar-rinviju

Szegedi Törvényszék

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* VOLÁNBUSZ Zrt.

*Konvenut:* Bács Kiskun Vármegyei Kormányhivatal

### Domandi preliminari

1) Il-kunċett ta’ “ċentru ta’ operazzjonijiet ta’ min iħaddem fejn is-sewwieq hu normalment ibbażat” li jinsab fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 (1) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta’ ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x’taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jirrigwarda l-post fejn is-sewwieq huwa bbażat, jiġifieri l-post, irrispettivament minn jekk dan huwiex installazzjoni, parkeġġ tal-impriża, jew inkella kull punt ġeografiku ieħor iddefinit bħala l-post minn fejn jibda l-itinerarju indikat fuq il-pjan tar-rotta, li minnu l-imsemmi sewwieq regolarment iwettaq is-servizz tiegħu u li lejh huwa jmur lura meta jtemm is-servizz, fil-kuntest tal-eżerċizzju normali tal-funzjonijiet tiegħu u mingħajr ma jikkonforma ruħu ma istruzzjonijiet partikolari mill-persuna li timpjegah?

2) Sabiex post jiġi kklassifikat bħala “ċentru ta’ operazzjonijiet ta’ min iħaddem fejn is-sewwieq hu normalment ibbażat”, fis-sens tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament, huwa jew ma huwiex rilevanti l-fatt li dan ikun mgħammar b’installazzjonijiet xierqa (pereżempju, installazzjonijiet iġjeniċi, faċilitajiet għall-benesseri jew postijiet ta’ mistrieħ)?

3) Sabiex post jiġi kklassifikat bħala “ċentru ta’ operazzjonijiet ta’ min iħaddem fejn is-sewwieq hu normalment ibbażat”, fis-sens tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament, huwa rilevanti l-fatt li l-pożizzjonament ta’ dawn il-postijiet konkreti fejn is-sewwieq huwa bbażat huma favorevoli għall-ħaddiema (sewwieqa), sa fejn dawn huma f’kull każ eqreb għall-postijiet ta’ residenza rispettivi tagħhom mill-postijiet fejn jinsabu l-istabbilimenti jew il-fergħat tal-impriża rreġistrati fir-Reġistru Kummerċjali, b’tali mod li s-sewwieqa jkollhom ħinijiet ta’ vjaġġar iqsar milli kieku jibdew u jispiċċaw xogħolhom fil-postijiet fejn jinsabu l-istabbilimenti jew il-fergħat tal-impriża rreġistrati fir-Reġistru Kummerċjali?